ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014**

| IR-RABA' SENA | IR-RELIĠJON | IL-ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:________________________ Il-klassi: _________**

**Taqsima A** **(10 marki)**

**Agħżel it-tajba.**

Eżempju: Id-dar tal-familja ta'Alla hi (s-sagristija, l-knisja, t-tabernaklu).

1. Il-Knisja f'Malta bdiet bil-miġja ta' (San Pietru, San Pawl, San Stiefnu).
2. Il-katakombi kienu (ċimiterji mħaffrin taħt l-art, kappelli fil-kampanja, knejjes żgħar).
3. Il-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta nsibuha (fl-Atti tal-Appostli, fl-Apokalissi, fil-Ktieb tas-Salmi).
4. Biex imexxu l-Knisja tiegħu, Ġesù għażel (lill-appostli, lill-qaddisin, lil-Lhud).
5. L-ewwel miraklu li għamel Ġesù kien (f'Nazaret, f'Kana, f'Ġerusalemm).
6. San Ġużepp kien jaħdem bħala (ragħaj, sajjied, mastrudaxxa).
7. Il-gvernatur Ruman f'Ġerusalemm fi żmien Ġesù kien (Pilatu, Barabba, Erodi).
8. Għalina l-Insara, (il-Ġimgħa, it-Tnejn, il-Ħadd) hu jum ta' festa għax niftakru meta Ġesù qam mill-mewt.
9. Ġesù ħa lill-appostli u tbiddel quddiemhom (fejn il-Baħar tal-Qasab, fuq il-Muntanja Tabor, fil-Ġnien taż-Żebbuġ).
10. Fit-talb inkunu qed nitkellmu (mal-qassis, mal-għalliem, ma' Alla).

**Taqsima B** **(10 marki)**

**Daħħal fil-vojt il-kliem li ġej.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~knisja~~ | is-sedja | il-Via Sagra | il-kurċifiss |
| fit-tabernaklu | l-artal | l-ambone | l-qniepen |
| tal-Magħmudija | fil-kampnar | l-istatwi | |



Kull nhar ta' Ħadd, Alla jsejħilna biex immorru l-knisja. Waqt il-quddiesa, il-Kelma ta' Alla tinqara minn fuq _________________. Is-siġġu li fuqu joqgħod bilqiegħda l-qassis waqt il-quddiesa nsejħulu _________________. Fil-knisja nsibu wkoll il-fonti ___________________, fejn jinżamm l-ilma li bih jitgħammdu t-trabi. Insibu wkoll __________________ li hi magħmula minn erbatax-il kwadru dwar il-passjoni ta' Ġesù u __________________ li jfakkarna li Ġesù miet għalina. It-tpinġijiet u __________________ tal-qaddisin jgħallmuna kif għandna ngħixu bħala Nsara. Il-konsagrazzjoni ssir fuq __________________ u l-Ewkaristija tinżamm _________________. Il-Knisja tuża __________________ biex isejħulna għal xi festa u dawn insibuhom _________________ .

**Taqsima C** **(4 marki)**

**Imla l-vojt bil-kliem li ġej.**



| | |
|---|---|
| il-maħfra | il-fidi |
| it-tama | l-imħabba |

Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek!

Fejn hemm il-mibegħda, ħallini nħeġġeġ ___________________.

Fejn hemm il-ħtija, ħallini nferrex ___________________.

Fejn hemm id-dubju, ħallini ndaħħal ___________________.

Fejn hemm il-qtigħ il-qalb, ħallini ndaħħal ___________________.

**Taqsima D** **(10 marki)**

**Qabbel dak li hemm f'Kolonna A ma' dak li hemm f'Kolonna B.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. L-ewwel Isqof ta' Malta | | Marija |
| 2. Il-mara ta' Ġużeppi | | Ġużeppi |
| 3. Kien imsallab ma' Ġesù | | San Luqa |
| 4. Missier Ġesù meta kien fid-dinja | | Papa Franġisku |
| 5. Ħasel idejh biex juri li hu ma bagħatx lil Ġesù għall-mewt | **1** | Publiju |
| 6. Ġie Malta ma' San Pawl | | San Pietru |
| 7. Qed imexxi l-Knisja fid-dinja llum | | Mons. Pawlu Cremona |
| 8. L-Arċisqof ta' Malta | | Il-ħalliel it-tajjeb |
| 9. Ġesù qajjem lit-tifla tiegħu mill-mewt | | Mons. Mario Grech |
| 10. L-Isqof ta' Għawdex | | Ġajru |
| 11. L-ewwel Papa | | Pilatu |

**Taqsima E** **(20 marka)**

**Aqra din l-istorja dwar Żakkew u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Darba kien hemm raġel li xtaq jara lil Ġesù. Kien jismu Żakkew. Dan tela' fuq siġra għax kien qasir u ma setax jara. Ġesù qal lil Żakkew biex jinżel mis-siġra għax ried imur id-dar tiegħu.

(addattata mill-Evanġelju)

1. Min kien Żakkew?

_______________________________________________ (2 marki)

2. Għaliex Żakkew tela' fuq siġra?

_______________________________________________ (2 marki)

3. X'kien għamel ħażin Żakkew?

_______________________________________________ (2 marki)

4. X'talab Żakkew lil Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

5. F'liema sagrament Ġesù jaħfrilna dnubietna?

_______________________________________________ (2 marki)

6. X'għandna nagħmlu meta nonqsu lil xi ħadd?

_______________________________________________ (2 marki)

7. Bħala Nsara, x'għandna nagħmlu lil min jagħmlilna d-deni?

_______________________________________________ (2 marki)

8. F'liema talba Ġesù qalilna biex naħfru?

_______________________________________________ (2 marki)

9. Meta Ġesù ħafer lill-għedewwa tiegħu?

_______________________________________________ (2 marki)

10. Min kien l-ewwel martri li ħafer lil dawk li qatluh?

_______________________________________________ (2 marki)

**Taqsima F** **(10 marki)**



**Kompli dawn is-sentenzi dwar il-ġrajja ta’ Pentekoste.**

1. Ħamsin jum wara l-Għid, Ġesù bagħat ______________________________
2. L-appostli kienu miġburin flimkien ________________________________
3. F’daqqa waħda semgħu __________________________________________
4. Raw dawl qisu nar _______________________________________________
5. Meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu ______________________________

**Taqsima G** **(6 marki)**

**Aqra sew dawn is-sentenzi u ikteb l-isem ta’ min ġab ruħu ta’ Nisrani.**

Eżempju: Leli ħafer lil Joe wara ġlieda. | Leli |

| | |
|---|---|
| 1. Manwel qagħad jispjega l-homework lil Toni li kien marid. | |
| 2. Audrey ħajret lil Claire tmur magħha l-quddies. | |
| 3. Catherine iġġieldet ma’ Mary. Stephen ipprova jagħmilhom ħbieb. | |
| 4. Diane tmur għand in-nanna biex tgħinha. | |
| 5. Paul qiegħed l-isptar. Mario jċempillu biex jara kif inhu. | |
| 6. Marianne titlob għal Jason għax ma jiflaħx. | |

**Taqsima H** **(20 marka)**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Aħna meta dħalna fil-familja ta' Alla?

_______________________________________________ (2 marki)

2. Liema hu l-akbar kmandament għalina l-Insara?

_______________________________________________ (2 marki)

3. Fejn kienet l-ewwel parroċċa f'Malta?

_______________________________________________ (2 marki)

4. Min kien hemm ma' Ġesù fl-aħħar ċena?

_______________________________________________ (2 marki)

5. Kif għandna nġibu ruħna meta nkunu fil-knisja?

_______________________________________________ (2 marki)

6. X'iridna nagħmlu Alla meta qalilna biex nagħtu ġieħ lill-ġenituri tagħna?

_______________________________________________ (2 marki)

7. Kemm ilha f'Malta l-Knisja ta' Ġesù?

_______________________________________________ (2 marki)

8. X'għamlu l-ewwel Insara biex jgħinu lill-foqra?

_______________________________________________ (2 marki)

9. Għaliex fil-ġenna kulħadd se jkun ferħan?

_______________________________________________ (2 marki)

10. Għalfejn Ġesù twieled u għex fid-dinja?

_______________________________________________ (2 marki)

**Taqsima I** **(10 marki)**

Ikteb **ħames (5)** sentenzi fuq il-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta.

Dan il-kliem jista' jgħinek:

Ruma, ġifen, maltempata, ħuġġieġa, lifgħa.

